GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti ta l-erbgha u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 28 t' Ottubru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 63**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet ghadha trid issir.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li l-MEPA kienet approvat il-permess tar-restawr tat-Torri l-bierah. Huwa talab lill-Agent S.E. sabiex jikkuntattja lill-Perit Serracino Inglott sabiex jingieb il-*compliance certificate* minghand il-MEPA halli tkun tista tigi ipprocessata l-applikazzjoni ghad-dawl.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** L-Agent S.E. informa li t-talba lill-ADT sabiex isiru *traffic calming measures* u vetturi kbar ma jkunux jistghu jidhlu fit-triq jekk mhux sabiex jaghtu servizz ser tintbaghat fil-jiem li gejjin.

**3.4** ***Para 3.6 – Kotba – Librerija Lokali:*** L-Agent S.E. informa li l-kotba kien ghadhom iridu jigu ordnati peress li l-lista kienet ghadha ma gietx ikkonfermata kollha.

**3.5** ***Para 3.7 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet ser issir fil-granet li gejjin. Il-kuntrattur ntalab sabiex igib il-*vouchers* tal-*landfill.*

**3.6** ***Para 3.9 – Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet:*** L-Agent S.E. informa li wara diskussjonijiet mad-Dipt. tal-Libreriji kien intlahaq ftehim sabiex il-Kunsill johrog sejha ghall-offerti sabiex jinkera s-servizz halli tinfetah il-librerija nhar ta' Sibt. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li tinhareg is-sejha pubblika.

**3.7** ***Para 3.11 – Kors tal-First Aid:*** Wara li rega gie ikkonfermat li s-St. John Ambulance setghu joffru l-kors fil-gurnata u l-hin stipulat mill-Kunsill, gie deciz li jsiru avvizi halli jibdew jintlaqgha l-applikazzjonijiet. Dan il-kors ser isir fis-Sala tal-Kommunita'.

**3.8** ***Para 3.12 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li l-pjanta tax-xelter kienet intbghatet lid-Dipt. ta' l-Artijiet kif mitlub.

**3.9** ***Para 3.13 – Loading / Unloading Bay*****: –** L-Agent S.E. informa li konna ghad irridu ngibu l-*guidelines* minghand l-ADT.

**3.10** ***Para 3.14 – Hajt fi Triq l-Indipendenza –*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew ir-risposta tal-MEPA u tad-Dipt ta' l-Artijiet dwar il-kaz.

**3.11** ***Para 5.5 – Art fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki:*** Gie unanimament deciz li din il-materja tigi diskussa aktar tard meta jkun prezenti wkoll il-Kunsillier M. Mifsud. *Vide Item 7.3*

**3.12** ***Para 3.16 – Zvilupp fi Triq Kromb il-Bahar*****:** L-Agent S.E. informa li l-MEPA kienet harget *Stop Notice* u elenkat sensiela ta' irregolaritajiet.

**3.13** ***Para 3.17 – Hal Gharghur- Ir-Rahal Fuq l-Gholja*** **:** Is-Sindku nforma li l-Konferenza Stampa fil-prezenza ta' l-Onor. Seg. Parl. Chris Said kienet ser issir it-Tlieta 3 ta' Novembru fis-2:00 p.m. Il-Kunsillieri kienu mistiedna sabiex jattendu.

**3.14** ***Para 3.18 – Kuntratt tal-Knis*****:** Peress li ma kien l-ebda zviluppi dwar il-kaz, gie deciz li l-Kunsill ghandu jitlob li ssir laqgha mad-Direttur tad-Dipt. ghall-Indafa Pubblika sabiex jigi diskuss dan is-suggett.

**3.15** ***Para 3.20 – Korrispondenza Kappillan*****:** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-Kappillan ghad-diversi *emails* li konna baghatnielu.

**3.16** ***Para 7.6 – Ghaqda tan-Nar San Bartilmew*** **:** Is-Sindku spjega li l-gimgha l-ohra waqt il-laqgha generali ta' l-Ghaqda tan-Nar kien sar suggeriment sabiex din l-ghaqda tibda tuza l-ufficcju l-antik tal-Kunsill sabiex l-istess ghaqda tkun tista zzomm il-laqgha tal-kumitat ta' kull gimgha fiha. Din it-talba giet unanimament milqugha bil-kundizzjonijiet li gejjin :

- Li l-Ghaqda ma taghmilx dan il-post is-sit ufficcjali taghha (*Registered Office*)
- Li peress li l-post mhux propjeta' tal-Kunsill, dawn ma ghandhom l-ebda titolu fuq il-post u ghalhekk meta huma jintalbu jew mill-Kunsill Lokali jew mis-sid tal-post huma ghandhom jizgumbraw immedjatament dan il-post u l-arrangament sabiex isiru l-laqgha jigi itterminat minnufih minghajr il-bzonn li jinghata avviz minn qabel.
- Li jsir kordinament mal-Kunsillier P. Fenech dwar meta jkunu ser isiru l-laqghat sabiex dawn ma jahbtux ma' attivitjiet ohra li jinzammu fl-istess post.

- Li ma jsirx tipjip fil-post.
- Li l-Ghaqda taghmel uzu mill-post minghajr hlas.
- Li c-cavetta tal-post tingabar dak n-nhar tal-laqgha u tigi rritorna dak in-nhar stess wara li tintemm il-laqgha.
- Li l-Ghaqda m'ghandiex thalli oggetti taghha fil-post.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa llum. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha kif ukoll pagament ta' €60 lil Mark Pullicino ghas-servizz li ser jaghti fl-ghoti tat-titqiba ta' l-influwenza.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba sabiex ir-*Reserved Bay* quddiem residenza fi Triq San Gwann tizdied sa quddiem il-bieb. Din it-talba giet unanimament approvata.

**5.2** Talba sabiex titranga l-area li hemm fid-dahla ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn min naha ta' Triq il-Gnien. Gie unanimament approvat li nitolbu lid-Dipt tad-Distretti sabiex jaghtuna stima tax-xoghlijiet involuti.

**5.3** Talba sabiex Sqaq il-Hofra jinkesa bit-tarmak. Peress li dalwaqt ser jinbdew xoghlijiet fl-inhawi fosthom l-izvilupp ta' blokki ta' apartamenti li gew approvati mil-MEPA, gie unanimament deciz li din it-talba tigi ikkunsidrata meta jitlesta l-izvilupp. Sadanittant ikompli isir *patching* skond il-htiega.

**5.4** Talba sabiex issir *Parking Bay* quddiem garaxx fi Triq San Gwann. Gie unanimament deciz li din it-talba tintlaqa kif ukoll li talbiet simili jintlaqghu minghajr il-bzonn li l-ewwel jigu riferuti lill-Kunsill.

**5.5** Ilment dwar materjal li qed jihalla barra fit-triq minn resident fi Triq Emmanuel Perren. Gie unanimament deciz li niktbu lir-resident sabiex inehhi dan il-materjal.

**5.6** Talba sabiex isiru *Parking Bays* fi Triq Dun Salvatore Zarb. Din it-talba giet approvata unanimament u gie deciz ukoll li jsiru *Parking bays* fi Triq Zaghruna u Triq Sta. Marija taz-Zellieqa. Gie deciz li x-xoghol isir mill-Koptasin.

**5.7** Ilment dwar klieb li qed jithallew jigru barra fi Triq San Gorg. Gie unanimament deciz li niktbu lis-sid u nghidulu sabiex ma jhallix lill-klieb tieghu jigru barra.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill joggezzjona ghall-

applikazzjoni 3919/09 peress li l-izvilupp propost qieghed barra z-zona tal-bini.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali fejn gejna nfurmati li konna ser ninghataw €1,000 sabiex jigu rifuzi parti mill-ispejjez relatati ma' l-inizjattiva Kampanja Lokalitajiet Indaf.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 65/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Att Nru XVI tal-2009 dwar Avviz bidu fis-sehh.

Din il-korrispondenza giet innotata

**6.4** Korrispondenza minghand id-Dipt. tal-Gvern Lokali dwar il-kariga ta' Agent S.E.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand residenti dwar trangar ta' bankina fi Triq Caravaggio.

Is-Sindku ipprezenta r-risposta li hu kien baghat li dawn ir-residenti u din giet approvata unanimament.

**6.6** Korrispondenza minghand il-Kumitata ghat-Tismija tat-Toroq sabiex il-Kunsill jipproponi isem ghal- Triq Gdida fi Triq Dimitriju Farruga.

Gie unanimament deciz li l-Kunsill jirrakkomanda l-isem ta' benefattrici tal-Parrocca u l-Agent S.E. intalab sabiex igib aktar informazzjoni fuqha minghand Julian Bezzina.

**6.7** Korrispondenza dwar il-kuntratt ghat-tiswija ta' lampi fit-toroq.

Il-Kunsillier P. Fenech spjega d-dettalji li hargu minn laqgha li huwa attenda dwar is-suggett bl-aktar wahda mportanti tkun li l-kuntratt ezistenti gie mgedded ghal 3 xhur ohra. Huwa tkellem ukoll dwar il-*photovoltaic panels* u gie deciz li ngibu stima minghand Galea Curmi sabiex naraw kemm dawn ser jigu jiswew.

**6.8** Korrispondenza minghand il-Korporazzjoni Enemalta tinfurmana li l-ispiza sabiex titwahhal bozza vicin ir-residenza Wild Thyme fi Triq il-Gnien hi ta' € 16,325.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-ammont mitlub huwa wiehed gholi hafna u ghalhekk din il-bozza mhux ser issir.

**6.9** Korrispondenza minghand l-Ghaqda tan-Nar bhala ringrazzjament ghall-ghoti tat-tarmak fi Triq Santa Katerina.

Din il-korrispondenza giet innotata.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-Kappilan dwar meta ser issir il-Quddiesa ghar-ruh ir-residenti li mietu matul l-ahhar 12 il-xahar.

**7.2** Is-Sindku informa li l-Gharghur Scouts Group kienu ghamlu *website*. Gie unanimament

approvat li ssir *link* ghal din il-*website* minn fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali.

**7.3** Gie unanimament deciz li jsir l-istharrig mehtieg sabiex nesploraw il-possibilita' li jsir gemellagg ma Garritana fi Sqallija. Dan wara li gejna infurmati minn persuni li ghandhom propjeta' f'dan il-post li hemm interess f'dan is-sens.

**7.4** Is-Sindku fakkar li t-tilqim ghall-kontra l-influenza ser isir nhar is-Sibt li gej.

**7.5** Is-Sindku fakkar li l-laqgha ghar-residenti li ser issir mill-Majjistral Action Group kienet ser tinzamm fis-Sala tal-Komunita' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru fis-6:00 p.m.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fit-8:25***

**7.6** Saret diskussjoni fit-tul dwar l-art fix-Xwieki li inghatat lill-Kunsill Malti ghall-iSport mid-Dipt. ta' l-Artijiet. Aktar kmieni llum kienet saret laqgha ma' ufficcjali gholja ta' l-istess Kunsill Malti ghall-iSport u tal-Ministeru.

Gew unanimament ratifikati l-azzjonijiet li ittiehdu mill-Kunsill Lokali kif ukoll l-istqarrijiet ghall-istampa. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu kif ukoll li niksbu parir legali ghalkemm jidher li prattikament hu impossibbli li t-transazzjoni li permezz taghha l-art inghatat lill-KMS ser tigi ikkancellata.

Gie unanimament deciz ukoll li nkomplu ninsistu mal-KMS sabiex ninghataw informazzjoni dwar x'ser isir fis-sit u kif ikollna l-informazzjoni kollha mehtiega nergghu nikkomunikaw bil-miktub mar-residenti taz-zona.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghall-Erbgha 11 ta' Novembu 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **11 ta' Novembru 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |